# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 214/18/1**

**Joseph Bugeja, Rita Bugeja u Christian Bugeja**

**v.**

**Clint Camilleri**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Din il-kawża tirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fit-30 ta' April 2017 meta l-konvenut, li kien qiegħed isuq *sportscar* tal-għamla *Toyota Supra* ġewwa Ħal Far, allegatament "*minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku…b'mod partikolari minħabba li saq b'veloċita` qawwija u tilef il-kontroll*", baqa'

dieħel bl-istess *sportscar* ġo ħajt. L-atturi Joseph u Rita Bugeja (bħala l-proprjetarji tal-i*sportscar*) u binhom l-attur Christian (bħala l-utent tagħha) fil-5 ta' Marzu 2018 intavolaw din il-kawża kontra l-konvenut sabiex jiġi kkundannat iħallashom id-danni konsegwenzjali li sofrew bħala riżultat tal-inċident.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' April 2021 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi: hija rriżultalha li għall-inċident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut, u llikwidat id-danni totali fl-ammont kumplessiv ta' **€87,174.97** (b'dan li €26,400[1] jitħallsu lill-atturi Joseph u Rita Bugeja u €62,574.98 jitħallsu lill-attur Christian Bugeja) bl-ispejjeż u mgħax mid-data tas-sentenza sal-ħlas, kontra l-konvenut.

3. Il-konvenut ħassu aggravat b'tali sentenza u għalhekk fit-12 ta' Mejju 2021 interpona appell minnha quddiem din il-Qorti tal-Appell fejn talabha:

- tħassarha, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu, u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom;

- jew alternattivament, f'każ li jiġi miċħud l-ewwel aggravju tiegħu, tirriformaha billi, filwaqt li tirrevokaha in kwantu sabet lill-konvenut

[1] Jidher li dan hu żball u kellu jaqra €24,600

unikament responsabbli għall-inċident u kkundannatu jħallas l-ammont likwidat ta' €87,174.97, tiddeċiedi x'sehem mit-tort għandu jerfa' u għal liema danni jista' jiġi tenut responsabbi, u tvarja s-sentenza skont dak li jiġi hekk deċiż u tnaqqas l-ammont ta' danni li għalihom huwa responsabbli, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qiegħda tirriproduċi partijiet rilevanti mis-sentenza appellata:

"**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-5 ta' Marzu, 2018 minn **Joseph Bugeja** (K.I. Numru 723555M), **Rita Bugeja** (K.I. Numru 419764M) u **Christian Bugeja** (K.I. Numru 502292M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Joseph Bugeja u minn Christian Bugeja, li jgħid kif ġej:

***<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>***

1. *Illi nhar it-30 ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) waqt li Clint Camilleri kien qiegħed isuq il-vettura proprjetà ta' Joseph u Rita konjugi Bugeja tal-għamla Toyota Supra b'numru ta' reġistrazzjoni 'JZA 300' huwa kien involut f'inċident awtomobilistiku, f'liema inċident, Clint Camilleri tilef il-kontroll tal-imsemmija vettura u baqa' dieħel ġo ħajt;*

2. *Illi l-imsemmi inċident awtomobilistiku seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut b'mod partikolari minħabba li saq b'veloċità qawwija u tilef il-kontroll tal-vettura 'JZA 300' bil-konsengwenza fuq imsemmija;*

3. *Illi b'riżultat ta' dan l-inċident awtomobilistiku, Joseph u Rita konjugi Bugeja sofrew danni konsiderevoli fuq il-vettura tagħhom li għalihom huwa responsabbli l-konvenut;*

4. *Illi minkejja li l-vettura hija l-proprjetà ta' Joseph u Rita konjugi Bugeja, it-tifel tagħhom ċioe Christian Bugeja huwa l-utent tal-istess, u sforz tal-inċident de quo qiegħed isofri minn "emotional disregulation in the context of loss of a dream car" u kaġun ta' dan kien ukoll preskritt mediċina sabiex tgħinu jiffaċċja t-trauma li għaddej minnha hekk kif jixhdu l-annessi ċertifikati magħmula mill-*

*psikjatra Dr Anthony Dimech immarkat bħala Dok. A u Dok. B;*

5. *Illi l-konvenut minkejja li ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-atturi fl-imsemmi inċident awtomobilistiku, baqa' inadempjenti.*

***Raġuni tat-Talba***

6. *Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.*

***Talbiet***

*Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex, għar-raġunijiet premessi m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra permessa mil-liġi, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għal inċident awtomobilistiku li seħħ f'Ħal Far nhar it-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fuq il-vettura tal-esponenti tal-għamla Toyota Supra b'numru tar-reġistrazzjoni 'JZA 300' kif fuq premess u għall-konsegwenzjali danni li sofrew l-atturi;*

2. *Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni konsegwenzjali għall-inċident imsemmi sofferti mill-atturi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat bħala dovut in linea ta' danni;*

   *Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali ta' nhar it-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ta' nhar il-5 ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Clint Camilleri** (K.I. 160596M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Marzu, 2018, u maħlufa minnu stess, fejn biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet atturi għandhom jiġu miċħuda kollha, u dan stante illi l-intimat ma kellu assolutament u ċertament ebda tort u responsabbilità għall-inċident li seħħ ġewwa Ħal Far, nhar it-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan peress illi mhux minnu illi l-inċident li kienet involuta fih il-vettura Toyota Supra bin-numru ta' reġistrazzjoni JZA 300 seħħ minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Clint Camilleri;*

2. *Illi la darba l-intimat ma jaħti assolutament xejn, u mhux responsabbli għall-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri, ma hemmx lok illi jiġu likwidati kwalunkwe danni a favur tal-atturi;*

3. *Illi għalhekk isegwi illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda kollha, bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

4. *Illi in ogni caso, u strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi jridu dejjem iġibu prova tad-danni sofferti minnhom, u li dawn id-danni sofrewhom unikament tort tal-intimat;*

5. *Illi fil-fatt, u dan kif se jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-istanti, l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ġara tort unikament tal-istess attur Christian Bugeja;*

6. *Illi fil-fatt, l-esponenti konvenut weġġa' serjament f'dan l-inċident, kif ser jiġi ppruvat waqt il-każ odjern;*

7. *Illi di più, ma hux minnu li l-attur Christian Bugeja beda jiġi segwit minn Psikjatra minħabba l-inċident in kwistjoni, iżda kif ser jirriżulta aħjar mit-trattazzjoni tal-każ odjern, minħabba raġunijiet oħrajn;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-liġi, jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2020 fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-atturi istitwew dawn il-proċeduri kontra l-konvenut wara inċident li seħħ fit-30 ta' April, 2017 waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq karozza sportiva tal-għamla Toyota Supra bin-numru ta' reġistrazzjoni 'JZA 300' ("il-vettura"), proprjetà tal-atturi ta' Joseph u Rita konjuġi Bugeja ġewwa Ħal Far. L-atturi jgħidu li dan l-inċident seħħ unikament tort tal-konvenut, li beda jsuq il-vettura inkwistjoni b'veloċità eċċessiva, u konsegwenza ta' dan spiċċa tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' dieħel taħt trailer mal-ġenb tat-triq. L-atturi Joseph u Rita Bugeja spjegaw li huma s-sidien irreġistrati ta' din il-vettura, imma din kienet tintuża minn binhom Christian, li huwa dilettant kbir tal-karozzi sportivi, u minħabba l-fatt li tilef din il-vettura li tant kienet għal qalbu u li ħadem għal diversi snin sabiex ikun jista' jakkwistaha, spiċċa jsofri minn trawma psikoloġika. Permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident, tillikwida d-danni sofferti minnhom u tikkundanna lill-intimat għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat.

Il-konvenut ħa l-pożizzjoni li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda għaliex huwa m'għandu l-ebda tort għal dan l-inċident, u għalhekk m'għandhom jiġu likwidati l-ebda danni li għandhom jitħallsu minnu. Jgħid li għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda. Jgħid ukoll li dan l-inċident seħħ unikament tort tal-attur li ħeġġu jsuq il-vettura inkwistjoni, u f'dan l-inċident huwa safa mweġġa' serjament. Il-konvenut ikkontesta wkoll id-debilità psikoloġika li Christian Bugeja jgħid li beda jsofri minnha in segwitu għal dan l-inċident, u jgħid li mhux minnu li kien dan l-inċident li wasslu biex jibda jara psikjatra.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

***…omissis…***

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

F'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti normalment tibda billi tistħarreġ il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident li jkun wassal għat-talba għad-danni mill-parti attriċi. Mill-provi jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ meta grupp ta' ħbieb iltaqgħu ġewwa Ħal Far, fejn jiltaqgħu d-dilettanti tal-karozzi sportivi, u l-attur ippermetta lill-konvenut isuq il-vettura sportiva proprjetà tal-atturi fil-kawża. Jirriżulta li l-partijiet fil-kawża kienu ħbieb kbar qabel seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u d-delizzju tal-karozzi sportivi kien il-fattur komuni li ressaqhom lejn xulxin. L-attur Christian Bugeja spjega li l-vettura kienet ġiet akkwistata minnu madwar sena qabel, wara li ħadem ħafna sabiex irnexxielu jakkwistaha, u mill-mod kif xehed dan l-attur irriżulta bl-aktar mod ċar li huwa dilettant kbir tal-karozzi sportivi, u li investa ħafna ħin u flus fuq din il-vettura partikolari.

Mill-provi jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ wara li l-attur għadda għall-konvenut, u dawn saqu flimkien lejn Ħal Far bil-karozza sportiva tal-attur, fejn iltaqgħu ma' ħbieb oħra tagħhom. Għal xi raġuni, waqt li l-partijiet kienu Ħal Far, l-attur ippermetta lill-konvenut isuq il-vettura għal ftit, għalkemm il-partijiet taw verżjonijiet kunfliġġenti dwar kif seħħ dan, bl-attur jgħid li kien il-konvenut li wera x-xewqa li jsuq il-vettura, u bil-konvenut jgħid li l-attur qallu li f'każ li ried isuq ftit il-vettura, dak il-ħin kien iċ-ċans tiegħu. L-attur xehed li huwa wissa lill-konvenut biex joqgħod attent, għalkemm ħass li seta' jafda lill-konvenut bil-vettura għax kien jaf li dan kien imdorri jsuq karozzi sportivi. Jirriżulta mill-provi li l-konvenut saq il-vettura għal ftit bl-attur riekeb maġenbu, u x-xhieda kollha li kienu preżenti fuq il-post ikkonfermaw li dak il-ħin il-konvenut saq bil-galbu. Jirriżulta wkoll li għal xi raġuni l-attur ried jinżel mill-vettura sabiex ikun jista' jammiraha minn barra waqt li l-konvenut ikun qiegħed isuqha, u li kien dak il-ħin li l-konvenut għal xi raġuni tilef il-kontroll tal-vettura hekk kif beda jsuq, u spiċċa daħal taħt trailer li kien ipparkjat mal-ġenb tat-triq. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' persuni li kienu fuq il-post, fosthom lil Gabriel Vitale, li qal li sema' lill-attur iwissi lill-konvenut biex ma jsuqx fuq is-*second turbo*, u lil Jake Grech jgħid li s-sewqan tal-konvenut inbidel hekk kif dan sab ruħu fil-vettura waħdu wara l-i*steering*.

Imma l-konvenut insista li huwa m'għandu l-ebda ħtija għall-inċident, u spjega li hekk kif pprova jaqla' sabiex jibda jsuq, il-vettura mill-ewwel ħaditu u tilef il-kontroll tagħha, bil-konsegwenza li baqa' dieħel taħt trailer. Il-konvenut allega li l-inċident seħħ għaliex il-vettura inkwistjoni kienet difettuża u kienet ġiet modifikata b'diversi modi mill-attur, u għalhekk kien ferm riskjuż li wieħed isuq din il-vettura fit-triq. Il-konvenut qal li l-attur kien qallu li waħħal *parts* minn vettura impurtata mill-Ingilterra fuq din il-vettura li ġiet impurtata mill-Ġappun, u dan kollu rrenda l-vettura inkwistjoni waħda mhix sigura għall-użu fit-triq. Il-konvenut qal ukoll li l-attur kien xtara *tyers* ġodda sabiex iwaħħalhom fuq din il-vettura, u baqa' ma waħħalhomx għaliex l-ewwel ried jaħraq it-*tyers* li kellu.

Il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, partikolarment ix-xhieda mogħtija mill-partijiet, kif ukoll ix-xhieda li ngħatat minn persuni li jistgħu jitqiesu li huma esperti fil-qasam tal-karozzi sportivi, sabiex tkun tista' tistabbilixxi min mill-partijiet għandu jġorr ir-responsabbilità għall-akkadut. Jirriżulta mill-provi li l-vettura inkwistjoni ġiet akkwistata mill-attur madwar sena qabel seħħ l-inċident, u wara madwar xahar l-attur kellu inċident biha, bil-konsegwenza li l-vettura ma setgħetx tintuża għal perijodu ta' madwar seba' xhur sakemm issewwiet. Jirriżulta wkoll li wara li l-attur reġa' beda juża il-vettura, spiss kien jgħaddi għall-konvenut biex imorru dawra biha, tant hu hekk li l-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li kien hemm drabi meta huwa kien ħallas għall-petrol peress li l-vettura kellha konsum għoli ta' petrol. Dakinhar li seħħ l-inċident, xħin il-partijiet waslu Ħal Far, l-attur ippermetta lill-konvenut isuq il-vettura. L-attur spjega li huwa ħass li seta' jafda lill-konvenut għaliex dan kien imdorri jsuq vetturi sportivi, u huwa wissa lill-konvenut diversi drabi sabiex isuq bil-galbu. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-konvenut laħaq saq ftit din il-vettura bl-attur riekeb ħdejh, u dak il-ħin is-sewqan tiegħu kien galbat, tant hu hekk li l-attur sussegwentement ħareġ mill-karozza u ħalla lill-konvenut isuq waħdu għal ftit. Kien f'dan il-ħin li l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura u baqa' dieħel taħt trailer ipparkjat mal-ġenb tat-triq. Diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom, qalu li minkejja li l-inċident kien wieħed b'impatt konsiderevoli, mal-art ma tħallew l-ebda marki ta' brejkijiet jew *skid marks*. Jirriżulta wkoll minn dak li xehdu r-rappreżentant ta' Transport Malta u l-VRT tester tal-vettura, ċertu Paul Muscat, li t-test tal-VRT fuq din il-vettura ma kienx ilu li sar, u waqt dan it-test kien ġie stabbilit li l-vettura kienet fi stat tajjeb ħafna. L-espert tekniku ġudizzjarju Mario Cumbo kkonstata li minkejja li t-*tyers* tal-vettura ma kinux imwaħħlin kif suppost, xi ħaġa li mhux suppost li kellha impatt fuq is-sigurtà tal-vettura ladarba fil-ħin tal-inċident ma kinitx nieżla xita, dawn kienu f'kundizzjoni tajba. Il-Qorti tqis li l-konstatazzjonijiet tal-espert tekniku ġudizzjarju jxejnu għalkollox l-allegazzjonijiet tal-konvenut li l-vettura in wistjoni ma kinitx fi stat tajjeb biex tinstaq. Wara kollox, il-konvenut kien ilu diversi ġimgħat jirkeb f'din il-vettura mal-attur allavolja kien jaf bil-modifiki li kienu saru fuqha, u xorta waħda ma beżax jirkeb fiha u ma qisx li din il-vettura setgħet tkun perikoluża għalih. Il-Qorti tqis dak li ntqal mix-xhieda okulari li kienu preżenti fil-ħin tal-inċident, li qalu li kien hemm kambjament fis-sewqan tal-konvenut bejn meta kien qiegħed isuq bl-

attur riekeb maġenbu, u meta l-konvenut sab ruħu fil-vettura waħdu. Il-Qorti tqis li l-konvenut ikkontradixxa lilu nnifsu meta qal li tilef il-kontroll tal-vettura minħabba f'xi modifiki li kienu saru fuqha jew minħabba f'xi difett li din kellha, għaliex sa ftit qabel huwa kien saq il-vettura bl-attur riekeb maġenbu, u dak il-ħin l-andament tas-sewqan tal-vettura kien wieħed normali għall-aħħar, tant hu hekk li l-konvenut ħassu komdu jsuq waħdu għal xi ħin. Ċertament li kieku dak li qiegħed jallega l-konvenut għandu mis-sewwa, dan ma kienx ser jaċċetta li jsuq il-vettura inkwistjoni waħdu jew li jirkeb fiha ripetutament mal-attur. Id-depożizzjoni tal-esperti tekniċi li xehdu fil-kawża, tikkontradixxi l-pożizzjoni li ħa l-konvenut, billi kkonfermaw li mill-ispezzjoni li għamlu fuq il-vettura wara l-inċident, irriżultalhom li din kienet fi stat tajjeb ħafna qabel seħħ l-akkadut. Dan huwa msaħħaħ ukoll minn dak li xehed Paul Muscat li kien għamel it-test tal-VRT fuq il-vettura, li kkonferma li din kienet fi stat tajjeb ħafna sa madwar xahar qabel seħħ l-inċident. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li għandha tilqa' t-talba tal-atturi u tiddeċiedi li l-konvenut kien negliġenti, traskurat u irresponsabbli fil-mod kif saq il-vettura, liema aġir wassal għall-inċident inkwistjoni bid-danni u l-konsegwenzi kollha li dan ġab miegħu.

Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi in linea tad-danni. L-atturi qegħdin jippretendu ħlas ta' kumpens għat-telf tal-vettura, ħlas għad-danni materjali sofferti minnhom konsegwenza tal-inċident, u ħlas għat-telf futur li sejjer jinkorri l-attur Christian Bugeja minħabba d-debilità permanenti li allegatament sofra konsegwenza tal-imsemmi inċident.

*Damnum Emergens:*

Id-danni materjali sofferti mill-atturi konsegwenza tal-inċident jammontaw għal tlett elef, ħames mija u tlieta u sittin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€3,563.85), hekk kif jirriżulta mill-irċevuti esebiti mill-attur Christian Bugeja u li kopja tagħhom tinsab esebita minn fol. 110 sa fol. 137 tal-proċess. Għaldaqstant dawn id-danni jirriżultaw ippruvati u l-Qorti qiegħda tillikwida d-danni materjali f'din is-somma li għandha titħallas mill-konvenut lill-attur Christian Bugeja.

L-espert tekniku ġudizzjarju Mario Cumbo kkonferma li l-vettura involuta fl-inċident sofriet danni sostanzjali, u jistma l-ispiża għat-tiswija tal-vettura fl-ammont ta' €26,308.58, li x-xhud ikkonferma mhuwiex ammont konklussiv għaliex meta wieħed jibda jżarma l-vettura u jaqla' partijiet minnha, hemm il-possibilità li jsib ħsarat ulterjuri. Dan ix-xhud qal li r-*replacement value* tal-vettura jkun ta' madwar €34,000, u minn dan l-ammont irid jitnaqqas 10% tal-valur għad-deprezzament tal-vettura peress li kienet ilha fit-triq, u l-valur tar-*wreck*, li f'dan il-każ ġie stabbilit li huwa ta' €6,000. L-espert tekniku ġudizzjarju qal li għalhekk id-danni sofferti fil-vettura għandhom jiġu likwidati fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u sitt mitt Euro (€24,600). L-atturi ma qablux ma' din il-komputazzjoni, u jgħidu li l-Qorti għandha tadotta l-valutazzjoni li saret mis-*surveyor*

inkarigat minnhom Natalino Agius, li qal li d-danni sofferti mill-vettura jammontaw għal €25,700. Il-Qorti tqis però li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mill-istima mogħtija mill-espert tekniku ġudizzjarju, li apparti li ħejja r-rapport tiegħu wara li spezzjona l-vettura, saritlu l-eskussjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet, u wieġeb għad-domandi li sarulu. Il-Qorti tinsab sodisfatta bit-tweġibiet li ta l-espert tekniku ġudizzjarju, u bl-ispjega tiegħu dwar kif wasal għad-danni sofferti mill-atturi minħabba t-telf tal-vettura, u għalhekk ser tkun qiegħda tillikwida d-danni rigwardanti t-telf tal-vettura fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf u sitt mitt Euro (€24,600). Dawn id-danni għandhom jitħallsu lill-atturi Joseph u Rita konjuġi Bugeja li huma rreġistrati bħala sidien tal-vettura.

*Lucrum cessans:*

Jifdal għalhekk li jiġi stabbilit kemm huwa t-telf futur li ser isofri l-attur Christian Bugeja minħabba l-inċident, u dan wara li rriżulta li l-inċident affettwah psikoloġikament, għaliex tilef mhux biss il-vettura li tant kien iħobb u li tant stinka sabiex seta' jakkwistaha, imma wkoll għax ħassu ttradut mill-konvenut li sa meta seħħ l-inċident kien meqjus bħala ħabib tiegħu. Il-psikjatra Dr Mark Xuereb xehed li konsegwenza tal-inċident diversi persuni nnutaw bidla fil-personalità tal-attur u fil-karattru tiegħu, u wara li tkellem mal-attur diversi drabi, huwa wasal għall-konklużjoni li dan qiegħed isofri minn trawma li qiegħda tikkawżalu debilità permanenti ta' 20%. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu li l-attur ser ikollu jiġi segwit minn espert psikoloġiku jew psikjatriku għal diversi snin wara dak li għadda minnu. Fid-depożizzjoni tiegħu dan ix-xhud spjega li b'konsegwenza tal-inċident ġiet affettwata l-abbilità tal-attur li jaħdem, għaliex dan sar aktar selettiv fl-impjiegi li jaċċetta u li jħoss li jista' jagħmel u dan minħabba t-trawma li għadu jsofri minnha wara l-inċident.

***…omissis…***

Mill-provi prodotti mill-attur, jirriżulta li fis-sena immedjatament qabel dik meta seħħ l-inċident, l-2016, l-attur Christian Bugeja kellu dħul nett ta' €9,912.[2] Il-Qorti tispjega li għall-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ futur, hi sejra tikkonsidra biss id-dħul nett tal-attur u għalhekk minn dan id-dħul gross trid titnaqqas it-taxxa (€122) u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li tħallsu minnu (€940.37), u għalhekk id-dħul nett tal-attur f'dik is-sena partikolari kien ta' €8,849.63. Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara li seħħ l-inċident.[3] Id-dħul tal-attur għas-sena 2016 għalhekk ser jiġi aġġustat abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[4], sabiex b'hekk il-Qorti

---

[2] A fol. 81 tal-proċess.

[3] 62 Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2016-2020 kienu hekk: 2016 – 0.64; 2017 – 1.37; 2018 – 1.16; u 2019 – 1.64 u 2020 – 0.64. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin kienet għalhekk ta' 0.64 + 1.37 + 1.16 + 1.64 + 0.64 /5 = 1.09.

[4] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "*Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal*

qiegħda tikkomputa s-salarju medju bażiku tal-attur fis-somma ta' €8,849.63 + €12,225.76 / 2 = €10,537.70.

Il-multiplier huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena meta seħħ l-inċident, il-multiplier adottat ikun ta' 35, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli.

***…omissis…***

Fil-każ odjern l-espert psikjatriku li eżamina lill-attur Dr Mark Xuereb, wasal għall-konklużjoni li konsegwenza tal-inċident dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 20%. Il-konvenut ma talabx għall-ħatra ta' espert mediku ġudizzjarju sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar il-grad ta' debilità sofferta minnu in segwitu għall-inċident, għalkemm il-konvenut ikkontesta dak li ntqal mill-attur li huwa kellu bżonn jirrikorri għand psikjatra wara li seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konvinta li kienu l-avvenimenti li seħħew wara l-inċident, jiġifieri t-telf tal-vettura, u s-sens ta' tradiment li ħass l-attur minħabba l-mod kif ġab ruħu l-konvenut fil-ġimgħat ta' wara l-inċident, li wasslu biex dan kellu jfittex l-għajnuna medika ta' Dr Mark Xuereb, kif wara kollox ikkonferma Dr Xuereb innifsu.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment*). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata', f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Ċertament li ma jistax jintqal li f'dan il-każ kien hemm xi parti jew oħra li tawlet il-proċeduri inutilment, u s-sentenza qiegħda tingħata fi żmien tliet snin minn meta nbdew dawn il-proċeduri, u għalhekk il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tnaqqis minn dawn l-20%.

Is-salarju medju ta' €10,537.70 x multiplier ta' 35 x 20% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €73,763.90 li meta ridotta b'20% (*lump sum payment*), twassal għas-somma ta' disgħa u ħamsin elf, u ħdax-il Euro u tnax-il ċenteżmu (€59,011.12). Magħduda mad-danni attwali sofferti mill-atturi, it-total ta' danni li qegħdin jiġu likwidat minn din il-Qorti hu ta' sebgħa u tmenin elf, mija u erbgħa u sebgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu **(€87,174.97**). Dawn id-danni għandhom jitħallsu kwantu għal €62,574.98 lill-attur Christian Bugeja u kwantu għal €26,400 lill-atturi Joseph u Rita Bugeja.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda**

*telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier."*

**taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ f'Ħal Far nhar it-tletin (30) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017) fuq il-vettura tal-atturi Joseph u Rita konjuġi Bugeja, tal-għamla Toyota Supra b'numru tar-reġistrazzjoni 'JZA 300',**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma totali ta' sebgħa u tmenin elf, mija u erbgħa u sebgħin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€87,174.97), li għandhom jitħallsu mill-konvenut kwantu għal €62,574.98 lill-attur Christian Bugeja u kwantu għal €26,400 lill-atturi Joseph u Rita Bugeja.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut.**"

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut (12.05.2021):</u>**

5. L-aggravji tal-konvenut, in suċċint, huma s-segwenti:

(i) <u>Ma kellux jinstab responsabbli għall-inċident:</u>

Fl-ewwel lok jenfasizza li dakinhar tal-inċident l-attur stess kien stiednu biex isuq il-vettura meta kien jaf li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkoprih. Jargumenta li kieku l-attur mexa mal-liġi u ma kkommettiex reat *ai termini* tal-Art. 3 tal-Kap 104 l-inċident qatt ma kien jiġri; jgħid ukoll li dak li għamel l-attur mhux biss jikkostitwixxi reat kriminali, iżda jirrendih ukoll responsabbli għad-danni *ai termini* tal-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost isostni li mill-provi li tressqu l-Ewwel Qorti ma setgħetx timputa negliġenza fuqu.

(ii) <u>Tal-anqas l-attur kellu jinżamm parzjalment responsabbli:</u>

Fit-tieni lok (u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju) jgħid li jekk din il-Qorti ma ssibx li l-ewwel aggravju huwa fondat, l-attur għandu jbati parti mit-tort tenut kont tal-fatt li kien jaf li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkoprih.

(iii) <u>Ma kellux jiġi kkundannat iħallas danni relatati mal-allegata debilità psikika:</u>

Fit-tielet lok (u mingħajr preġudizzju għas-suespost) jilmenta li l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda analiżi profonda dwar jekk l-allegata diżabilità permanenti psikika ta' 20% kinitx konsegwenza diretta tal-inċident jew ta' fatturi oħra pre-eżistenti. Jikkummenta li debilità simili ta' 20% żgur li ma tiġix minn sempliċi telf ta' karozza u jargumenta li bil-kundanna ta' €24,600 rappreżentanti l-valur tal-vettura, huwa jista' jixtri vettura oħra.

**Risposta tal-appell tal-attur appellat (02.06.2011):**

6. L-attur wieġeb biex jgħid għaliex l-aggravji tal-konvenut huma infondati u s-sentenza appellata timmerita konferma.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI :**

**L-EWWEL AGGRAVJU:**

7. Il-konvenut ħassu aggravat bil-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li għall-inċident kien responsabbli unikament hu. Huwa *invece* jsostni li kellu jinstab responsabbli l-attur: fl-ewwel lok għaliex skont hu l-attur irrenda ruħu responsabbli bil-fatt biss li ppermettielu li jsuq l-i*sportscar* meta kien jaf li ma kinitx tkoprih il-polza ta' assikurazzjoni, u fit-tieni lok (u mingħajr preġudizzju) għaliex ma ġiex ippruvat li s-sinistru kien riżultat ta' sewqan negliġenti, traskurat u rresponsabbli da parti tiegħu.

8. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenut li l-attur għandu jinstab responsabbli għas-sempliċi fatt li ppermettielu jew ħeġġu[5] jsuq l-i*sportscar* minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkoprih. Dak li jrid jiġi investigat huwa x' kienet il-kawża prossima tal-inċident. F'dan ir-

[5] Il-verżjoni tal-konvenut hija li l-attur insista miegħu li jsuq il-karozza, filwaqt li l-verżjoni tal-attur hija li ippermetta lill-konvenut li jsuqha għaliex dan tal-aħħar kellu tali xewqa; fi kwalunkwe każ mhux ikkontestat li l-konvenut saqha bil-kunsens tal-attur.

rigward huwa rilevanti l-insenjament ta’ din il-Qorti tal-Appell (JSP/JF/FDP) fis-sentenza mogħtija minnha fil-15 ta’ Jannar 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Micallef St John et v. Richard Spiteri et**[6]**:**

> *“Din il-Qorti tibda’ biex tippremetti illi kellu jkun car illi mhux kull infrazzjoni tar-Regolamenti tat-Traffiku jew agir skorrett jew delittwuz minn xi parti involuta f'incident stradali kienet necessarjament rilevanti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita' ghalih. Il-Qorti kellha fl-indagini taghha tfittex biex tiddetermina x'kienet il-kawza prossima w immedjata ta' l-incident u jekk il-persuni nvoluti bil-komportament taghhom kienux direttament ipprovokaw l-incident jew ikkontribwew ghalih. Hekk allura l-fatt illi Richard Spiteri ma kellux licenzja tas-sewqan u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni waqt illi kien qed isuq, fih innifsu, ma kienx jikkostitwixxi prova rilevanti ghal fini ta' responsabbilita' jekk ma jigix pruvat illi l-istess Richard Spiteri saq b'mod negligenti w imprudenti u li kien minhabba f'hekk illi sehh is-sinistru. Il-fatt illi kien ghadu minorenni u ma kellux licenzja hi rrilevanti* (sic) *ghall-fini ta' l-akkuzi kriminali migjuba kontrih f'dak il-foro pero' in civilibus kien biss marginalment rilevanti bhala prova jekk il-fattur ta' l-eta’ kien xhieda ta’ l-imperizja tieghu fis-sewqan. L-istess mill-banda l-ohra l-fatt illi Matthew Micallef St. John, waqt li kien qed jigri fil-Coast Road, seta' ma osservax dak li hu suggerit mill-Highway Code li kellu jaghmel waqt li kien qed jittrejnja biex jipprotegi ruhu kontra l-possibbilita’ ta’ incident, ma kienx ghall-fini ta' responsabbilita' rilevanti sakemm ma jigix pruvat illi bil-komportament tieghu huwa kien pozittivament ikkontribwixxa jew ipprovoka s-sinistru.”*

9. Fit-tieni parti ta’ dan l-aggravju tiegħu, il-konvenut jargumenta li mill-provi ma kellux jirriżulta li l-inċident seħħ riżultat tas-sewqan negliġenti, traskurat u irresponsabbli tiegħu, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. F’dan ir-rigward huma rilevanti (i) l-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda okulari li kienu preżenti meta seħħ l-inċident ġewwa Ħal Far, kif ukoll (ii) dawk il-provi li jitfgħu dawl fuq l-istorja u l-kundizzjoni tal-i*sportscar* in kwistjoni.

---

[6] 205/1993

## (i) Depożizzjonijiet ta’ persuni li xehdu dwar l-inċident:

10. L-attur Christian Bugeja[7]:

*“Jien ippermettejt li jsuq bil-patt u l-kundizzjoni li jagħmel dan b’kawtela kbira filwaqt li jien inkun riekeb miegu bħala passiġġier. Peress li Clint kien isuq karozza sportiva, waqt li kont riekeb miegħu ma kellu l-ebda problema biex isuq it-Toyota Supra, tantu hu hekk li huwa saq bil-mod u bil-galbu. Ftit wara, jien ħriġt mill-vettura sabiex naraha tinstaq minn barra.*

*Clint waqqafni biex ninżel u dak il-ħin jien erġajt tennejtlu sabiex isuq bil-mod u b’kawtela kif kien għadu għamel waqt li jien kont passiġġier. Avżajtu ukoll sabiex jibqa’ fl-istess żona diżabitata fejn konna aħna sabiex inkun nista’ nżomm għajnejja fuq il-vettura tiegħi.*

*Wara li waqqafni u stennieni ninżel minn ġewwa l-vettura, Clint bil-galbu kollu dawwar il-vettura b’tali mod li ġab it-Toyota Supra parallel mat-triq u cioe` bl-ebda forma ta’ ostaklu quddiemha. Dan sar b’kawtela kbira. Sussegwentement Clint reġa’ waqqaf kompletament il-vettura u dam wieqaf għal madwar żewġ sekondi. Fil-pront, smajt il-magna tal-karozza tiegħi tirrevja, rajt ir-roti tal-istess karozza jduru fil-vojt u f’ temp ta’ ftit mumenti rajt lill-karozza tinstaq b’mod veloċi ħafna u tilwi lejn il-ħajt. Ħdejn dan l-istess ħajt kien hemm wieqaf trailer.*

*Fi ftit ħin il-karozza bi Clint ġo fiha jsuqha baqgħet dieħla taħt l-imsemmi trailer bil-vettura ssofri ħsarat estensivi. [ritratti tal-vettura maħbuta kif ukoll ritratti tal-ħsarat tal-istess vettura qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok B1-B5].*

*Jien innutajt li għalkemm il-vettura kienet għaddejja b’veloċita` qawwija mal-art ta’ fejn sar l-inċident ma kienu jidhru l-ebda traċċi ta’ brake jew skid marks.”*

[7] Fol 22 *et seq*




(wieħed mir-ritratti esebiti mill-attur li juri kif spiċċat l-*isportscar*)

11. Kontroeżaminat[8] qal li kien jaf li l-konvenut dejjem xtaq isuq l-i*sportscar* u dakinhar tal-inċident, peress li t-triq hija kbira u ma ra lil ħadd qallu li issa kien iċ-ċans li jsuqha:

> *"Hu qal eżatt: 'u le, le'. Hekk. Jiġifieri imma b'dik it-tbissima, imma imbagħad għidtlu, 'mhux bil-mod?' U aċċetta….Tlajt miegħu u saq tajjeb. Afdajtu waħdu u ġabha żibel il-karozza…..Hu għamel tliet xhur jiġri miegħi. Kien, rajtu raġel responsabbli għax hu għandu karozzi sportivi li jiġru ħafna. Lanqas naf x' m'għandux jiġifieri. Dejjem saq, il-karozzi tiegħu perfetti."*

12. <u>Gabriel Vitale</u> (prodott mill-attur)[9]:

> *"…rajt lil Christian Bugeja u Clint Camilleri jirkbu t-Toyota. Clint Camilleri kien is-sewwieq u Christian Bugeja kien passiġġier. Waqt li Clint Camilleri beda' jsuq u Christian Bugeja kien passiġġier huwa beda jsuq bil-mod. Iżda wara li Christian Bugeja niżel mit-Toyota Supra kien hemm kambjament fis-sewqan tiegħu.*
>
> *Niftakar li meta Clint Camilleri waqqaf il-vettura biex jinżel Christian Bugeja, il-pożizzjoni tal-karozza kienet parallel mal-ħajt fejn kien hemm it-trailer. Meta niżel Christian Bugeja, jien smajtu jgħid lil Clint Camilleri biex ma jdaħħalx is-second turbo.*

[8] Xhieda a fol 163, *et seq*
[9] Affidavit a fol 41

*Hekk kif Clint Camilleri beda jsuq, il-karozza bdiet issuq la ġenba, b' liema moviment il-vettura b'mod veloċi baqgħet dieħla ġot-trailer li kien jinsab mal-ħajt. Milli stajt nara u nisma' ma kien hemm l-ebda ħoss jew sinjali ta' break marks."*

13. Jake Grech (prodott mill-attur)[10]:

*"Meta Clint Camilleri kien qiegħed isuq it-Toyota Supra u Christian Bugeja kien qiegħed in-naħa tal-passiġġier, Clint beda' jsuq bil-mod.*

*Ftit minuti wara, Clint Camilleri waqqaf il-vettura sabiex Christian Bugeja seta' jinżel.*

*Meta Clint Camilleri beda jsuq waħdu, kien hemm kambjament fis-sewqan tiegħu. Minn fejn kont, u cioe` ħdejn il-ħajt li kellu wieqaf miegħu it-trailer sa fejn sar l-inċident smajt il-vettura ta' Christian Bugeja tirrevvja ħafna u f' qalbi għidt "ara x' ħoss kemm huwa sabiħ."*

*Kien evidenti li huwa u jsuq, Clint Camilleri tilef il-kontroll tat-Toyota Supra u kaġun ta' hekk il-vettura baqgħet dieħla taħt it-trailer. Ngħid li ma rajt l-ebda sinjali ta' brake lines.*

*Wara l-inċident kien hemm ftit kommozzjoni, smajt lil Christian Bugeja jgħid lil Clint Camilleri, "għidtlek biex ma tagħfashiex".*

14. Il-konvenut Clint Camilleri[11]:

*"Dħalt fil-karozza, irriversjajt u waqaft. Kif ġejt biex naqla biex insuq 'il quddiem, din il-karozza litteralment ħaditni u spiċċajt taħt trailer."*

15. Kontroeżaminat[12] qal li l-attur kien ħeġġu biex isuq l-i*sportscar* u li għall-ewwel qallu le. Qal li mbagħad kien saqha biċċa żgħira bl-attur miegħu bħala passiġġier:

*"Imbagħad niżel hu, kont ħa ninżel jiena imbagħad qalli, 'suqha biċċa biex nisma' kif taħdem minn barra' għax peress li dejjem saqha hu qatt ma sema' kif tinstema' ġot-triq….meta niżel qalli suqha bil-mod għax m'hawnx nies bħalissa….Kif qlajt telqet….Kienet dritta meta niżel hu…Kif qlajt fid-dritta…Kif soqtha telqet. Kif qlajt….Eżatt kif*

[10] Affidavit a fol 43 *et seq*
[11] Affidavit a fol 140 *et seq*
[12] Xhieda a fol 215 *et seq*

> *qlajt first telqet…Normali qlajt…..ma kienx hemm distanza jiġifieri ma kienx hemm veloċita…Ħbatt ma' container qed ngħidlek xi ħaġa b'saħħitha….jekk kien hemm distanza ftit bilfors li mhux ħa ttella' ħafna speed…Qed ngħidlek li ma kienx hemm ħafna speed għax distanza ma kienx hemm."*

16. Carlos Farrugia (prodott mill-konvenut)[13]

Fix-xhieda tiegħu seduta *stante*, ix-xhud qal li l-attur beda jgħid lill-konvenut biex isuq l-i*sportscar*. Qal li għalkemm irrifjuta iktar minn darba, ċeda wara ftit ħin:

> "*Mar biex isuq il-karozza. Eżatt x' ħin mar biex jaqla', il-karozza baqgħet dieħla ġo container….Eżatt x' ħin mar biex jaqla, biex isuq il-karozza jiġifieri…. Jaqla' normali rajtu jiena….Imbagħad rajt il-karozza bagħet dieħla ġol-container.*"

17. Kontroeżaminat qal li bejn fejn kienet wieqfa l-karozza u fejn ħabtet mal-*container* kien hemm distanza ta' żewġ karozzi. Qal li "*qala' b'ċertu saħħa*". Mistoqsi għaliex qala' hekk, wieġeb "*m'għandix idea".*

18. Jurgen Camilleri (prodott mill-konvenut)[14]

Fix-xhieda tieħu seduta *stante* qal li l-attur beda jinsisti mal-konvenut biex isuq il-karozza, u dan tal-aħħar għalkemm għall-ewwel irrifjuta, fl-aħħar saqha:

> "*Clint saq il-karozza. Ġie biex jiġi fid-dritta tiegħu. Malli ġie biex jaqla', baqa' dieħel ġo container….Inħsadna kollha bl-inċident."*

---

[13] Xhieda a fol 144 *et seq*
[14] Xhieda a fol 154 *et seq*

19. Kontroeżaminat qal li l-konvenut saq distanza qasira, il-wisgħa tal-awla. Mistoqsi kif qala' wieġeb "*B'mod normali".*

**(ii) Provi dwar l-istorja u l-kundizzjoni tal-i*sportscar*:**

20. <u>L-attur Christian Bugeja</u> xehed li kien akkwista l-i*sportscar* in kwistjoni f' Mejju 2016 u li għalkemm kienet reġistrata fuq il-ġenituri tiegħu din kienet fil-fatt inxtrat bi flusu. Kontroeżaminat qal li ħadem għalihom l-erbgħin elf. Qal li "*sena qabel*" l-inċident in kwistjoni[15] (tat-30 ta' April 2017) kien ħabat biha iżda kien irranġaha. Qal li kien ġab *body* ta' vettura bħalha mill-Ingilterra u biddel tali *body*, iżda mhux ix-*chassis.* Ikkonferma li fl-inċident in kwistjoni ma kinitx infetħet l-*airbag* tan-naħa tax-xufier; mistoqsi għaliex qal li "*naħseb illi s-sensors mhux dejjem jaħdmu.*" Qal li bejn l-ewwel ħabta u l-ħabta in kwistjoni għamel tliet xhur jiġri biha (fatt li jindika li l-attur għamel numru ta' xhur mingħajr l-i*sportscar*): sakemm waslet il-*body* ta' vettura oħra mill-Ingilterra u sakemm effettivament issewwiet). Dwar it-*tyres* qal li kien biddilhom meta ġab il-*body* tal-vettura l-oħra mill-Ingilterra u li kien qiegħed jaħraqhom. Qal ukoll li qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni kien irranġa s-sensor tat-*traction control*. Spjega li "*It-traction control meta kont tixgħel il-buttuna ma kienx jixgħel is-sensor. Kien jaħdem it-traction control.*" Żied jgħid li "t-*traction control*

[15] Għalhekk jidher li ħabat biha prattikament appena xtraha (fil-fatt il-konvenut fl-affidavit tiegħu xehed li l-vettura ma kinitx ilha xahar għand l-attur meta ħabat biha).

*xorta tista titfihulha, jiġifieri jiena dejjem tfejthulha t-traction control".*

21. Il-konvenut esebixxa xi kopji ta' estratti minn *chats* diġitali[16] li kellu mal-attur dwar il-ħabta li kellu bl-i*sportscar* in kwistjoni l-istess attur ftit wara li kien xtraha, u dwar it-tiswijiet li għamlilha. Issir referenza għas-segwenti siltiet (enfasi ta' din il-Qorti):

"*(A)*[17] *Ha najdlek xgara ezatt mate, il-verita hija din, kien em dak jos, gie waraja bix itelaqli, ifoliwjani in had dingli, ma tajtx kasu,* ***bix nevitah bix ntelaq miaw afastilha kmini is-supra u haditni***
*dak li gara man*

*…*

*(K)*[18] *Imma veru f sigra thalt jew le??*

*(A) Uuhhh, u qas in nis, mohhom fija man kinu*
*Sehtuwa al ala*
*Ija ija*
*3 sigrit zar imma haha*
*Ta haz zebbug fin nofs ezatt fil-bidu*
*…*
*Jajdu li jridu man*
*Isa xhin jaraw lest haha*
*Nitla hal far bih*
*…*
*Titranga, la chassic ma missejt u laqas subframe*
*:s*
*U eja ara is supra kif mux total lost*
*Qas chasic ma misejt*
*Quddiem bumper u radiator u ek, il mudgaurd ta wara, bonnet u biba u ek man*
*Gewwa pina adu*
*Filfatt chassic shih in bara se ngib*
*Hali naqla u npoggi*
*…*
*Andi 7 telef bklx penal beater zgur*
*Mhux alek*
*Andi xi 4 telef parts*
*Mbad 3k tal-penal beater ux*

[16] Dok CC3, fol 188 *et seq*
[17] (A) - attur
[18] (K) - konvenut

*Eja najdu ek, qas limited slip ma kelli, kif haditni qatt ma grali ek*
*Pero telifni hafna hafna jos*
*Filfat it-tfajla qaltli mohhok fih u ha tahbat*
*Dona kienet taf*
*…*
***Mar sensor***
***U bek il-limited slip u traction ma kinx qed jahdem***
*…*
*Le ima kin ilu bil-hsara ta*
*Meta kien jaħdem it-traction tjba hafna kienet tibqa*
*Ima minajru aw malta anke fil 4th kinet taqas*
*…*
*Suppost dax xar ha ngibu jekk alla jrid is shell*
*Ha nfitex nirrangah…*
*Fadal zgur sa dicembru buddy*
*…*
***Ifem. Dakinhar jlx ma klx gara. Tijaj qatt mamlet bhal dakinar.***
***Ifem kif daret ma nafx.*** *Najt li kin em zejt*
***Ax qatt mamlet ek. U sensor kien mohxi bla traction u lsd****…*
*…*
***Ija bit-traction hafna ahjar ux***
***Kiju jahasra kien qed jadm ma garax ek***
*…*
*Ifem sakem jaslu il-parts mbad nihu ir ruh*
*Kwazi 5 telef ta :/*

22. Il-perit tekniku Mario Cumbo, nominat mill-Qorti sabiex jirrelata fuq il-valur tal-i*sportscar* qabel u wara l-inċident in kwistjoni ippreżenta r-rapport tiegħu fl-24 ta' Settembru 2019.[19] Huwa xehed in eskussjoni fid-9 ta' Ottubru 2020.[20] Dwar il-fatt li l-*airbag* tan-naħa tal-passiġġier ma nfetħitx meta seħħ l-inċident in kwistjoni qal li ma setax jgħid għaliex ġara dan. Dwar it-*tyres* qal li kienu għadhom tajbin u ma kinux mikulin. Qal ukoll li kienu armati ħażin fis-sens li d-*direction of rotation* kienet bil-kontra, però qal din tagħmel differenza meta jkun hemm ix-xita mhux meta l-art tkun xotta, bħal ma fil-fatt kienet xotta meta seħħ l-inċident.

[19] Fol 230 *et seq*
[20] Fol 292 *et seq*

23. Iċ-ċertifikat tal-VRT datat 10 ta' Marzu 2017[21] jikkonferma li l-*isportscar* in kwistjoni għaddiet mit-test (*Final test result*: *pass*).

24. Ngħaddu issa għall-argument tal-konvenut appellant li kienet skorretta l-Ewwel Qorti meta sabitu responsabbli għall-inċident. In sostenn ta' tali argument il-konvenut jagħmel diversi punti li din il-Qorti sejra tissintesizza kif ġej:

- L-Ewwel Qorti tat piż qawwi għall-fatt li xhieda okulari qalu li kien hemm kambjament fis-sewqan tal-konvenut bejn meta saq bl-attur ma' ġenbu, u meta sab ruħu fil-vettura waħdu. F'dan ir-rigward jargumenta li kien impossibbli li xi ħadd jikkonstata bdil fis-sewqan tiegħu ladarba l-karozza ħaditu hekk kif qaleb il-*gear*;

- L-attur stess ikkonferma fil-kontroeżami tiegħu li kien jitfi t-*traction control*, u allura dan jagħmilha iktar faċli li jintilef il-kontroll tal-vettura;

- It-*tyres* ma setgħux kienu fi stat tajjeb għaliex l-attur kien iħobb jgħaqqadhom u jaħraqhom;

[21] Dok PM1, fol 75

- It-*tyres* kienu armati bil-kontra.

25. Kwantu għat-*tyres*, ma ġiex pruvat li dawn b'xi mod ikkaġunaw l-inċident. Anke jekk l-intiża tal-attur kien li jaħraqhom, l-espert Cumbo ikkonferma li meta seħħ l-inċident kienu għadhom tajbin. U dwar il-fatt li kienu armati bil-kontra spjega li dan jagħmel differenza meta l-art tkun imxarrba, li ma kienx il-każ.

26. Kwantu għall-fatt li l-attur kien iħalli t-*traction control* mitfi, ma ġiex spjegat minn espert jekk setax kien hemm ness bejn dan il-fatt u l-inċident in kwistjoni (anke jekk fiċ-*chat* diġitali li l-attur kellu mal-konvenut wara li l-istess attur kien ħabat biha fis-siġar ftit wara li ġabha fl-2016, kien ikkummenta – tajjeb jew ħażin – illi li kieku t-*traction control* kien qed jaħdem ma kienx jiġri li ġara, fatt li jindika li l-attur kien jaf li t-*traction control* mhux qiegħed hemm għal xejn.)

27. Kwantu għall-argument tal-konvenut li ma setax ġie nnutat li kien hemm bdil fis-sewqan tiegħu bejn meta kien qiegħed isuq bl-attur ma' ġenbu u bejn meta kien qiegħed isuq waħdu, din il-Qorti ssib li fil-fatt għandu raġun.

28. Mill-provi jirriżulta li dakinhar tal-inċident, l-attur, li kien jaf li sieħbu

l-konvenut dejjem xtaq isuq l-i*sportscar* in kwistjoni, qallu "*issa iċ-ċans li ssuqha".* L-attur stess xehed li l-konvenut għall-ewwel qallu "*le, le, le*" iżda meta l-attur qallu "*mhux bil-mod*(?)", il-konvenut "*aċċetta*". Meta l-konvenut, li kien imdorri jsuq karozzi sportivi, saq l-i*sportscar* għall-ewwel darba bl-attur riekeb ħdejh bħala passiġġier, ma kienx hemm problemi. L-attur stess, wara li kien ra kif il-konvenut saq l-i*sportscar* tiegħu, tant kien sodifatt bil-mod "*galbat"* tas-sewqan tiegħu li adirittura talbu biex jibqa' fil-karozza u jsuqha waħdu sabiex huwa jkun jista' jaraha u jismagħha tinstaq minn barra. Il-konvenut xehed li wara li kienet wieqfa u ġie biex jaqla', "*ħaditu"* u seħħ l-inċident. Il-verżjoni tal-attur fil-fatt tikkorrobora l-verżjoni tal-konvenut li l-ħabta saret hekk kif ġie biex jaqla', għaliex l-istess attur qal li "*f' temp ta' ftit mumenti rajt lill-karozza tinstaq b'mod veloċi ħafna u tilwi lejn il-ħajt."* Qajla, għalhekk, jista' wieħed jikkummenta li kien hemm "kambjament fis-sewqan" tal-konvenut, għalhiex filwaqt li meta kellu lill-attur miegħu kien qiegħed isuq, meta l-attur niżel u l-konvenut safa waħdu, l-inċident seħħ hekk kif ġie biex jaqla, meta "*ħaditu".*

29. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni u irrisponsabbiltà tal-konvenut, wara qieset li ma ġiex pruvat li l-vettura kellha xi difetti, li kienet diġà nstaqet mingħajr problemi wara t-tiswijiet li kienu sarulha, u li dakinhar tal-inċident meta l-konvenut saqha bl-attur riekeb ma' ġenbu l-andament tas-sewqan kien wieħed normali

tant li l-istess konvenut ħassu komdu li jirkeb fiha waħdu.

30. L-Ewwel Qorti però ma identifikatx x'kien dak l-aġir negliġenti u traskurat li għamel il-konvenut meta ġie biex jaqla'. Fil-fatt mill-provi mhux possibbli li wieħed jikkonkludi, anke fuq bażi tal-probabbli, jekk l-inċident seħħx minħabba negliġenza tal-konvenut jew minħabba difett fil-vettura, vettura li diġà kienet qalgħet daqqa ġmielha ftit tax-xhur qabel fejn konsegwentement sarulha tiswijiet konsiderevoli.

31. Il-fatt innifsu li l-vettura għaddiet mit-test tal-VRT ma jeskludix li seta' kellha xi difetti. Rilevanti wkoll hija l-osservazzjoni tal-konvenut appellant li l-vettura għaddiet mit-test tal-VRT minkejja li t-*tyres* kienu imwaħħlin ħażin. Għalkemm diġà ġie stabbilit li dan il-fatt *per se* ma kienx il-kaġun tal-inċident, *stante* li dakinhar tal-inċident l-art ma kinitx imxarrba, jibqa' l-fatt li ċ-ċertifikat tal-VRT allura mhux eżattament ta' min joqgħod fuqu u li ċertament ma jistax jitqies bħala prova li l-i*sportscar* kienet f'kundizzjoni perfetta u mingħajr ebda difetti. Hekk ukoll il-fatt li l-i*sportscar* instaqet għal diversi ġimgħat jew xhur qabel l-inċident u anke dakinhar tal-inċident mingħajr problemi ta' xejn ma jfissirx li ma setax kien hemm xi difett fil-vettura li wassal biex fil-mument li l-konvenut ġie biex jaqla, *"ħaditu*". Inċidentalment din kienet l-istess kelma li uża l-attur meta fiċ-*chat* diġitali li kellu mal-konvenut fejn kien qiegħed jiddiskrivi kif kien ħabat biha meta daħal fit-tliet siġriet fl-2016, qal li "*ħaditni*", u li "*qatt ma*

*għamlet bħal dakinhar*" u "*kif daret ma nafx".* Hekk ukoll fil-każ tal-inċident in kwistjoni jirriżulta li l-i*sportscar*, li kienet f'pożizzjoni parallela mat-triq, f'temp ta' sekondi daret u baqgħet dieħla taħt it-trailer dritt għal ġol-ħajt.

32. Ta' rilevanza wkoll huwa l-fatt li l-attur stess xehed li lill-konvenut kien jarah bħala raġel responsabbli u li kien jaf li għandu karozzi sportivi li jiġru ħafna u li "*dejjem saq, il-karozzi tiegħu perfetti*". *In oltre* anke meta l-attur qallu li jekk ried isuqha "*issa iċ-ċans*", għall-ewwel il-konvenut qagħad lura, (fi kliem l-attur qallu "*le, le, le*") fatt li jindika li għalih ma kinitx xi ħaġa taċ-ċajt li ssuq *sportscar* bħal dik, u allura huwa inverosimili li f'tali ċirkostanzi kien ser jiżżattat u jagħmel xi manuvra azzardata u traskurata. Din il-Qorti assolutament mhix sodisfatta li kien prevedibbli għall-konvenut li l-manuvra li kien ser jagħmel sabiex jaqla' kienet manuvra potenzjalment suwiċidali (kif jidher mill-mod kif spiċċat il-vettura fir-ritratt fuq indikat, *supra)*.

33. Fl-aħjar ipotesi għall-atturi jista' jingħad biss li jeżisti dubju jekk l-i*sportscar* in kwistjoni spiċċatx fil-ħajt riżultat ta' mossa traskurata da parti tal-konvenut, iżda dan mhux biżżejjed biex jitqies li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova (anke fuq bażi ta' probabbilità) li għas-sinistru jaħti l-konvenut. Kif inhu risaput *in dubio pro reo.*

34. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti din il-Qorti ssib li t-tieni

parti tal-ewwel aggravju tal-konvenut appellant dwar ir-responsabbiltà għall-inċident hija fondata u konsegwentement mhux il-każ li tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji l-oħra tiegħu.

**DEĊIŻJONI:**

35. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-konvenut, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi.

36. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da